MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 196/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha John Carbone abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess John Carbone (526375(M))**

**vs**

**Carmelo Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2005 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tnejn u sebghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm572.35) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur John Carbone assigurat tas-**

**socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ hames mija u sebgha u erbghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm547.35), is-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess John Carbone in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta’ Awissu 2004 ghall-habta tal-11.30p.m. gewwa Telghet San Giljan, San Giljan, bejn il-vettura propjeta’ ta’ l-attur John Carbone, bin-numru ta’ registrazzjoni BBO-917 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni DBY-439, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici Omnibuspool, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fl-14 ta’ Frar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u sebgha u erbghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm547.35), u lill-attur John Carbone l-ammont ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-21 ta’ Jannar, 2005 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici Omnibuspool, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------